MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **24 ta' Novembru 2020** **Ref: DDLTS 47/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Żfin Unplugged għal KG, Yr 1, 2 u 3**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Tansversali qiegħed iħeġġeġ lill-edukaturi tal-Kindergarten u lill-edukaturi tal-ewwel, tat-tieni u t-tielet sena fil-Primarja biex jieħdu sehem f'attività ta' siegħa li fiha se jkollhom iċ-ċans jesperjenzaw il-coding permezz ta'żifna. Din l-attivittà qed issir bħala parti mill-kampanja tal-EU Code Week ta' din is-sena. Matul din l-attività unplugged mhux se tintuża teknoloġija u l-istudenti se jitgħallmu kif joħolqu żifna flimkien f'ambjent sigur. Għall-aktar dettalji żur dan is-sit https://curriculum.code.org/hoc/unplugged/4/.

Dawk il-klassijiet li jipparteċipaw jistgħu jibagħtu l-vidjows jew ritratti tagħhom hawnhekk https://bit.ly/3jDH6Ml Ir-ritratti/vidjows se jitpoġġew fuq il-paġna tal-Facebook tad-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali (Digital Education in Malta (facebook.com/DigitalEducMalta). Numru ta' tokens li huma sponsorjati minn eSkills Foundation se jitqassmu lill-ħmistax-il klassi li se jieħdu sehem f'din l-attività. L-għażla ta' dawn il-klassijiet se ssir fis-16 ta' Diċembru 2020 u se jittellgħu bil-polza bejn il-parteċipanti kollha.

Huwa importanti li din l-attività tkun irreġistrata fuq is-sit tal-EU Code Week (https://codeweek.eu/) u jintuża dan il-kodiċi **cw20-SbiEf** fil-Code4all challenge.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**